MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 934/1998/1

**Philip u Maria konjugi Seguna**

**v.**

**Kunsill Lokali Zebbug**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
"Peress illi fl-1997 il-Kunsill Lokali konvenut ghamel sejha ghal *tenders* ghat-tindif urban fil-lokal ta’ Haz-Zebbug;

"Peress illi l-istanti Philip Seguna tefa’ l-offerta tieghu ghal dan il-kuntratt izda nonostante li l-prezz minnu indikat fl-

offerta kien l-orhos wiehed fost it-*tenderers* l-istess Kunsill Lokali opta biex jassenja l-kuntratt lil terzi, u dan minghajr ebda gustifikazzjoni;

"Peress illi din id-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut kienet wahda arbitrarja, diskriminatorja u pregudizzjevoli fil-kuntratt ta' l-atturi u dan kif jigi ahjar ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Peress illi b'rizultat tad-decizjoni tieghu il-Kunsill Lokali konvenut arreka danni lil l-istanti;

"Jghid ghalhekk l-istess Kunsill Lokali konvenut l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

"(1) tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut li tassenja t-*tender* ghal tindif urban f'Haz-Zebbug lil terzi minflok lil l-atturi kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali, u pregudizzjevoli fil-konfront ta' l-istanti;

"(2) konsegwentement tillikwida bl-operat ta' perit nominand id-danni sofferti mill-istanti b'konsegwenza tad-decizjoni hekk mehuda;

"(3) tikkundanna lil l-istess Kunsill Lokali konvenut ihallas lil l-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-13 ta' Ottubru 1997 u ta' l-ittra legali tat-3 ta' Ottubru 1997, kontra l-Kunsill Lokali konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Zebbug li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi fl-ewwel lok m'ghandhomx interess guridiku li jippromuovu l-azzjoni stante illi l-Kunsill Lokali pproceda b'mod regolari, korrett, oggettiv u trasparenti u konformament mal-ligi u ghalhekk id-diskrezzjoni fid-decizjoni tal-Kunsill m'hiex sindikabbli. Il-Kunsill kien

liberu jaghzel kwalunkwe offerta u f'kull kaz l-offerta ta' Seguna ma kinitx l-irhas offerta.

"Fit-tieni lok ghandhom jigu imsejha fil-kawza l-Ko-operattiva tal-Indafa Pubblika.

"Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jichad emfatikament li d-decizjoni tal-Kunsill kienet xi wahda arbitrarja, ingustifikata jew illegali, anzi l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug mexa bl-aktar mod oggettiv u trasperenti fl-ghazla tat-*tender* in kwistjoni u anke in konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

"Illi fir-raba' lok, l-attur kien jaf li kien hemm l-possibilita` li l-offerta tieghu ma tintaghzilx u konsegwentement ma jistax jallega li soffra xi danni u f'kull kaz, u dan jinghad minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, anke jekk tigi akkolta l-ewwel talba, ma hemm l-ebda ness guridiku li jintitola lil l-attur jirreklama id-danni minghand l-eccipjenti kif mitluba fit-tieni u t-tielet talbiet."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April 1999, li in forza taghha cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez ghall-konvenuti;

Rat is-sentenza preliminari moghtija wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2002, li in forza taghha laqghet l-ewwel talba ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Fil-kaz in ezami l-atturi qed jissottomettu li d-decizjoni tal-kunsill lokali kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali u pregudizzjevoli fil-konfront taghhom billi dina ttiehdet wara pressjoni kbira u intimidazzjoni li saret fil-konfront tal-kunsill mill-Koperativa ta' l-Indafa Pubblika.

"Minn naha l-ohra l-konvenuti ssottomettew li huma ma kienux gew intimidati u lanqas saret pressjoni fuqhom biex jiddeciedu kif  iddecidew, u li d-decizjoni taghhom kienet bazata biss fuq l-ahjar interess tar-rahal ta' Haz Zebbug.

"Illi mill-provi prodotti jirrizultaw il-fatti li huma riportati fl-addenda li kien ghamel is-sindku u li kien baghat lid-Dipartment tal-Kunsilli Lokali b'riferenza ghall-incidenti li kienu nqalghu. Dawn il-fatti jinsabu a fol. 129 et seq tal-process.

"Mill-ezami tal-provi prodotti u mill-fatti kif graw dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li d-decizjoni li ha l-Kunsill Lokali dak in-nhar tal-1 ta' Ottubru, 1997 kienet wahda vvizzjata billi ittiehdet taht pressjoni maghmula mill-koperativa ta' l-indafa pubblika u li l-kunsill gie sfurzat jiddeciedi bil-mod kif iddecieda.

"Jirrizulta li l-atturi kienu tefghu l-orhos offerta (wara li l-offerta ta' Abdilla ma gietx accettata) izda l-konvenuti riedu li l-atturi u l-koperativa, li giet it-tielet, jaghmlu l-prova. L-atturi kellhom jaghmlu il-prova fl-ewwel hmistax ta' Ottubru mentri l-koperativa fl-ahhar hmistax (ara addenda data 18/9/97). L-atturi kienu accettaw li jaghmlu l-prova izda l-koperativa irrifjutat li taghmel dina l-prova (ara ittra 143). Il-koperativa anke irrifjutat li tipprezenta *work plan* mentri l-atturi pprezentaw *work plan* (ara fol. 76).

"Gurnata qabel ma l-atturi gew biex jaghmlu l-prova l-koperativa kienet iltaqghet mas-Sindku u heddew lill Kunsill (lis-Sindku u lis-segratarja - ara addenda fatti data 30/9/97)) li bl-ebda mod ma kienu ser jippermettu lill atturi jaghmlu l-prova, allavolja l-atturi kienu diga` nghataw l-ordni mill-Kunsill biex jaghmlu l-prova. Billi s-sindku beza' li l-ghada seta' jinqala' l-inwkiet, hu kien informa lill pulizija. L-ghada kien inqala' l-inkwiet u l-koperativa ma hallitx lill atturi jaghmlu il-prova. Kellhom jintervjenu l-pulizija u l-Kunsill waqqaf lill atturi milli jkomplu bil-prova u ddecidew li jaghmlu laqgha urgenti tal-Kunsill ghal filghaxija (ara fol. 146) dakinhar stess biex jiddeciedu fuq l-assenjazzjoni tat-*tender*. Kien gie xjolt is-sottokumitat ta' l-ghazla u imqabbad sottokumitat iehor u dan iltaqa' fit-8.30 p.m. u f'xid-9.30 p.m. il-Kunsill iddecieda fuq dak li rrakkomanda dan is-sottokumutat (ara vot fol. 151) li jaghti t-*tender* lill koperativa. Wara ftit xhur li hadet il-kuntratt, il-

koperativa ma bdietx taghmel xoghol tajjeb u toqghod ghat-termini tal-kuntratt, u wara sena l-kuntratt, li kellu jkun ghall tlett snin, gie terminat.

"Illi minn dawn il-provi u fatti jirrizulta li l-Koperativa ma kientx ghamlet il-prova li kellha taghmel skond kif ordnata mill-Kunsill biex tkun tista’ tikkompeti ghat-*tender* u l-istess koperativa lanqas halliet lill atturi jaghmlu l-prova.

"Tant inqala’ nkwiet li kellha tintervjeni l-Pulizija u baqghet hemm sa filghaxija sakemm ivvotaw il-kunsilliera.

"Minflok thassar kollox minhabba dawk ic-cirkostanzi, il-Kunsill ma halliex lill-atturi jaghmlu l-prova, u billi kien hemm ferment shih iltaqa’ b’urgenza fil-ghaxija u bil-maghluq u ddecieda li jassenja l-kuntratt lill koperativa. Is-Sindku astjena, f’dawk ic-cirkostanzi u tefa’ vot invalidu.

"Is-Sindiku xehed li kien prevvist li s-sottokumitat jivvota bil-maghluq minn qabel (ara addenda fatti data 8/8/97), izda hu xehed ukoll li l-process f’dana l-kaz ried li jsir kollu bil-mitfuh, u allura l-Qorti tistaqsi kellu jkun biss meta nqala’ l-inkwiet u kien hemm dika l-pressjoni kollha, li jaghmel kollox bil-maghluq u fis-satra tal-lejl? Ta’ min imbaghad jinnota li s-sottokumutat tal-ghazla kien gie xjolt dakinhar, u gie nominat sottokumitat iehor, li vvota wkoll bil-maghluq.

"Il-Kunsillieri li xehdu quddiem dina l-Qorti qalu li huma ddecidew kif iddecidew minghajr pressjoni ta’ hadd izda l-fatti jmeru dak li xehdu.  Kif seta' l-kunsill liberament jaghti l-kuntratt lill atturi meta l-koperativa kienet sahansitra qed toggezzjona li l-atturi jaghmlu l-prova, u ghax oggezzjonaw, il-Kunsill biddel kollox u ma halliex lill atturi jaghmlu l-prova. Kif seta' l-kunsill jassenja l-kuntratt lill koperativa meta dina ma kienitx qaghdet ghall kondizzjonijiet li l-istess kunsill kien impona, waqt li l-atturi riedu joqghodu ghall prova  ma thallewx jaghmlu l-prova mill-koperativa.

"Rina Pace xehdet li minhabba l-laqgha li kienet saret fil-30 ta’ Settembru, 1997 fejn il-koperativa insistiet b’forza li

l-atturi ma kienux ser jitthallew jaghmlu l-prova, l-ghada huma biddlu kollox, cioe` marru lura mid-decizjoni taghhom li jhallu lill-atturi jaghmlu l-prova (fol. 60) - Jekk dan mhux theddid, x'inhu? F'dawk ic-cirkostanzi kemm kien liberu l-kunsill li jiddeciedi minghajr indhil. Is-sindku stess xehed li dakinhar intuza kliem ilbes fil-konfront tieghu u tas-segretarja tant li hu kellu jikteb lill koperativa u jigbdilhom l-attenzjoni dwar l-attitudini taghhom (ara fol. 149). Pace kienet xehdet ukoll (ara fol. 61) li l-votazzjoni saret bil-maghluq billi l-membri hassew li kulhadd ghandu familja tieghu u ghalhekk bezghu li setghu jaghmlulhom xi haga.

"Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuti li *se mai* il-kunsill m'ghamel xejn hazin, imma kienu l-membri individwalment, il-Qorti tirrileva li d-decizjoni ttiehdet mill-membri li jiffurmaw il-kunsill ghall-kunsill. Il-kunsill jagixxi tramite id-decizjonijiet li jiehdu l-membri tieghu.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha."

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi llikwidat id-danni realment sofferti mill-atturi b'konsegwenza tad-decizjoni mehuda mill-kunsill konvenut fl-ammont ta' Lm1,000, u kkundannat lill-istess kunsill konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata; l-ispejjez kwantu ghal disgha minn ghaxra ghall-konvenuti u wiehed minn ghaxra ghall-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi b'sentenza tal-25 ta' Marzu 2002 (a fol 165) dina l-Qorti kienet laqghet l-ewwel talba ta' l-atturi illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut li jassenja t-*tender* ghal tindif urban f'Haz-Zebbug lil terzi minflok lill-atturi kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali, u pregudizzjevoli fil-konfront taghhom. Il-kawza imbaghad thalliet ghall-provi fuq id-danni allegatament sofferti mill-atturi minhabba dina d-decizjoni.

"Illi l-konvenuti ecceppew  f'dan ir-rigward, li l-attur kien jaf li kien hemm il-possibilita` li l-offerta tieghu ma tintaghzilx u konsegwentement ma jistax jallega li soffra xi danni u f'kull kaz,  anke jekk kellha tigi akkolta l-ewwel talba, ma hemm l-ebda ness guridiku li jintitola lill-attur jirreklama id-danni minghand il-konvenuti kif mitluba fit-tieni u t-tielet talbiet.

"Fis-sentenza S. Fiteni et vs Louis Mazzitelli et App Inf 2/6/2003 il-Qorti kienet iddecidiet li ghalkemm huwa veru li l-kuncett tal-*precontractual liability* mhux kodifikat fil-ligijiet taghna, bhalma jezistu f'ligijiet ta' gurisdizzjonijiet ohra, *eppure* dina l-materja ma hijiex aljena ghall Qrati taghna. Il-Qorti  ghamlet riferenza ghall kaz Pullen vs Matysik tal-Qorti ta' l-Appell tas-26/11/1971 fejn dak il-hsieb gie affermat u fejn kienet iddecidiet ukoll li : "*the damages to which the plaintiffs  are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses or  depreciation of material or otherwise <u>but are not to include any profits</u> which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefiting from an obligation which never came into existence*".

"Illi f'kazijiet bhal dawn  l-attur jista jirreklama danni minn responsabilita` pre-kontrattwali, jekk jippruva li huwa ma hax il-kuntratt minhabba agir mhux gustifikat tal-konvenuti li kwazi jekwivali ghal *dolus* (ara wkoll sentenza  Attard vs Xuereb PA 13/10/03).

"Dwar danni reklamati mill-attur fil-kaz in ezami l-konvenuti qed jissottomettu li dawn ghandhom ikunu limitati biss ghal spejjez realment inkorsi fil-kors tan-negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati u mhux ghall-eventwali telf ta' qliegh.  Huma jissottomettu li l-atturi m'humiex biss jitolbu d-danni realment u attwalment inkorsi fil-kors tan-negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati, izda qed  jinkludu wkoll eventwali telf ta' qliegh. Skond il-konvenuti l-unici spejjez li attwalment gew inkorsi mill-atturi kienu l-ispejjez sabiex jinxtraw t-shirts u dawn ma jiswewx aktar minn Lm200.

"Il-konvenuti ssottomettew inoltre li *dato ma non concesso* li l-atturi ghandhom dritt ukoll ghall telf ta’ qliegh, it-talba taghhom ma gietx pruvata ghax hija bazata fuq opinjoni ex parte tal-awditur Sammut imqabbad mill-atturi u mhux fuq spejjez attwali. Infatti l-*costs* li hadem fuqhom Sammut mhumiex maghmulin minn spejjez attwali u fizici u ghalhekk l-atturi ma sofrew ebda telf. Anzi skond l-awditur Scalpello mqabbad mill-konvenuti kieku Seguna ha t-*tender* fin 1997 hu kien jispicca b’telf ta’ Lm843 u mhux qliegh kif qieghed jippretendi l-attur. Dan jidher aktar car jekk titqabbel ma' l-offerta li tefa' fil-1997 ma dik li tefa' fil-1999.

"Fil-fatt dak li l-atturi qed jippretendu bhala telf minnhom subit huwa il-bilanc bejn it-*tender price* u l-*operational costs*, li hu l-effett immedjat u dirett tal-ksur ta’ l-obligazzjonijiet tal-kunsill konvenut. Fil-fatt l-atturi qed jippretendu qliegh fuq medda ta’ tlett snin ta’ Lm39,042. L-atturi ezebew id-dokument a fol 174 li huwa rendikont dettaljat preparat mill-awditur Joseph Sammut imqabbad minnhom biex jillikwida d-danni li huma jallegaw li sofrew. Bhala *operation costs* huma jghidu li kien hemm is-segwenti:

| | |
|---|---|
| "Basis wage u Social Security ghal sitt haddiema | Lm 27,996 |
| Fuel (diesel) | Lm 2,040 |
| Maintenance fuq il-vetturi | Lm 750 |
| Licences/Insurance ghall istess | Lm 520 |
| Non-cash expenditure (depreciation) | Lm 2,580 |
| **Total** | Lm **33,886** |

"Il-konvenuti ma’ qablux ma dan ir-rendikont u talba ta’ l-atturi u ghalhekk ippreparaw huma stess *workings* permezz ta’ Mark Scalpello awditur imqabbad minnhom ghal dan l-iskop. Il-konvenuti qed jirritjenu li l-ammont

mitlub huwa esagerat u l-*operational costs* huma biss *projections* ta' l-atturi. Dawn il-*costs* huma biss *budgeted* u mhux *actual loss*.

"Illi mill-ezami tal-figuri pprezentati mill-atturi jirrizulta li dak li qed jitolbu l-atturi mhumiex id-*damnum emergens* cjoe` d-danni rejalment inkorsi fil-kors tan-negozjati u minhabba l-istess negozjati imma l-*lucrum cessans* cjoe` l-eventwali qliegh li skond l-atturi kienu jaghmlu f'medda ta' tlett snin li fih kellhu jkun operativ it-*tender*. Kif intqal fil-gurisprudenza fuq kwotata dawn id-danni ta' l-ahhar mhumiex risarcibbli fil-kaz ta' danni pre-kontrattwali ghalhekk dak li hemm fil-rendikont ta' l-awditur Sammut ma jistax jigi konsidrat. L-unika haga li hija risarcibbli huma l-ispejjez ghat-T shirts li l-atturi kienu gew ordnati mill Kunsill konvenut biex jixtru bhala uniformi, u l-ispejjez li l-atturi ghamlu biex ttenderjaw u biex qghadu ghal prova u dawn kollha qed jigu *arbitrio boni viri* likwiati minn dina l-Qorti fl-ammont ta' Lm Lm1000 (elf lira Maltin)."

Rat l-appell interpost mill-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell:
"u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni talba llikwidat favur l-esponenti danni materjali u reali fl-ammont ta' elf lira (Lm1,000), tirrevokaha fejn fir-rigward ta' l-istess tieni talba cahdet id-danni ghal telf ta' qliegh li garrbu l-esponenti, u minflok din l-Onorabbli Qorti ghandha tilliwida favur l-esponenti mhux biss l-LM1,000 bhala danni materjali u reali izda anke t-telf ta' qliegh li garrbu l-esponenti, u konsegwentement in vista tat-tielet talba attrici tikkundanna lill-Kunsilli Lokali Zebbug sabiex ihallas lill-esponenti d-danni shah hekk likwidati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kunsill Lokali Zebbug."

Rat ir-risposta ta' l-appell u l-appell incidentali tal-Kunsill konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell interpost mill-konjugi Seguna jigi respint bl-ispejjez, u li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell incidentali tieghu billi:

"fl-ewwel lok tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-25 ta' Marzu 2002, u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, f'kaz li l-appell mis-sentenza citata tal-25 ta' Marzu 2002, jigi michud, tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Mejju 2006, u tirriduci d-danni likwidati u inoltre takkolji lill-atturi sehem akbar mill-ispejjez kollha tal-kawza dan in proporzjoni ma' l-ammont eventwalment likwidat ma' l-ammont mitlub mill-atturi fuq imsemmi."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi f'din il-kawza kienu ghamlu offerta biex jinghataw kuntratt ghat-tindif urban fil-lokalita` ta' Haz-Zebbug.  Din is-sejha kienet tghaqqad erba' kuntratti f'kuntratt wiehed li jkopru:  il-gbir ta' skart domestiku; il-gbir tal-*bulky refuse*; tindif/knis tat-toroq; u tindif ta' postijiet pubblici (*public toilets*).  Eventwalment jikkompetu ghal dan il-kuntratt spiccaw l-atturi (li ghamlu offerta ta' Lm46,000) u l-Kooperativa ghall-Indafa Pubblika (li ghamlet offerta ta' Lm48,000).   Il-kunsill konvenut iddecieda li qabel ma jiehu decizjoni dwar dawn iz-zewg kompetituri, jitlob lill-partijiet jaghtu prova ta' kif kienu bi hsiebhom iwettqu l-kuntratt.  Ghall-ewwel iz-zewg kontendenti accettaw li jaghmlu din il-prova, izda sussegwentement il-Kooperativa ghall-Indafa Pubblika infurmat lill-Kunsill li ma reditx tippartecipa f'dak l-ezercizzju.

Fl-1 ta' Ottubru 1997, beda bil-prova tieghu l-attur, izda ma thalliex iwettaq il-prova mill-Kooperativa li ghamlet kjass shih, imblokkat it-toroq bl-i*scamels* u zammet protesti quddiem l-ufficini tal-Kunsill.  Peress li l-attur ma thalliex jopera, il-Kunsill iddecieda li jwaqqaf il-prova. Dakinhar stess, il-Kunsill sejjah laqgha staordinarja ghas-sebgha ta' filghaxija, u wara li zamm laqgha fil-maghluq

iddecieda li jaghti l-kuntratt lill-Kooperativa ghall-Indafa Pubblika.

L-attur hassu aggravat u fetah dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Marzu 2002, taghtu ragun u sabet li l-Kunsill agixxa hazin peress li ha decizjoni wara indhil u influwenza ingustifikata mill-Kooperativa li lilha nghata l-kuntratt. B'sentenza ohra tal-31 ta' Mejju 2006, l-ewwel Qorti llikwidat id-danni favur l-atturi fis-somma ta' Lm1,000 (jew €2,329.37).

L-atturi appellaw mit-tieni sentenza fejn qed isostnu li l-kumpens kellu jkun akbar minn dak moghti mill-ewwel Qorti, u kellu jinkludi kumpens ghal-*lucrum cessans*, li gie michud mill-ewwel Qorti a bazi ta' l-argument li d-danni b'rizultat ta' responsabbilita` pre-kontrattwali ma jinkludux, skond il-gurisprudenza lokali, dan it-tip ta' telf. Il-Kunsill konvenut ressaq appell incidentali fejn ikkontesta l-ewwel decizjoni ta' l-ewwel Qorti li sabet lill-Kunsill responsabbli ta' agir hazin, u fejn ikkontesta wkoll it-tieni decizjoni li llikwidat id-danni bl-aggravju jkun li, se mai, l-ammont ta' danni ghandhom ikunu anqas minn dawk likwidati.

Logikament, din il-Qorti sejra titratta l-ewwel l-aggravju tal-Kunsill konvenut lejn is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-25 ta' Marzu 2002, li sabet lill-istess Kunsill responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Il-Kunsill konvenut isostni li hu ma jahtix, ghall-agir abuziv tal-Kooperattiva ghall-Indafa Pubblika u li l-Kunsill, meta ha d-decizjoni tieghu, hadha fil-maghluq minghajr pressjoni ta' hadd u a bazi ta' konsiderazzjonijiet li kellhom x'jaqsmu biss mal-vantagg tar-rahal. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti, u wara ezami tac-cirkostanzi tal-kaz, tara li l-Kunsill kien influwenzat bil-vjolenza u t-theddid ta' vjolenza li kienet qed timmanifesta l-Kooperattiva. Zewg kunsilliera stqarrew li gew avvicinati minn ufficjali tal-Kooperattiva qabel il-laqgha tal-Kunsill u jidher li dawn gew mhedda. Id-decizjoni tal-Kunsill li jbiddel fehmtu u ma jinsistix ghall-prova ttiehdet hesrem wara l-kaos li kienu qed jaghmlu haddiema tal-Kooperattiva, u l-idea li tittiehed decizjoni malajr u fis-satra

tal-lejl ukoll ittiehdet wara storbju u theddid minn membri ta' l-istess Kooperattiva. Il-Kunsill stess, fl-appell tieghu, jghid li meta kien qed jistudja l-kaz u jevalwa l-offerti, "eventwalment ittiehdet decizjoni u l-kunsill hass li fic-cirkostanzi kif kienu fl-1 ta' Ottubru 1997, <u>ma kienx hemm alternattiva</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Kompla jinghad li l-Kunsill iddecieda li kellu jiehu decizjoni dakinhar "... u dak il-mument inhass li <u>kien ahjar ghal kulhadd jekk tkun il-Kooperattiva li tiehu t-*tender*</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jidher car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-kunsilliera hallew lilhom infushom ikunu influwenzati minn cirkostanzi estranei ghall-materja li fuqha kellhom jiddiliberaw, u ghalkemm, meta xehdu quddiem l-ewwel Qorti, ippruvaw jiggustifikaw id-decizjoni taghhom b'konsiderazzjoni ta' "l-ahjar vantagg ghar-rahal", hu car li f'mohhom kien ghadu qed iberren l-ghajjat u t-theddid tal-membri tal-Kooperattiva. Kif jinghad fil-ktieb **De Smith's Judicial Review** (Ediz. 6, 2007, pagna 280),

*"If the influence of irrelevant factors is established, it does not appear to be necessary to prove that they were the sole or even the dominant influence. As a general rule it is enough to prove that their influence was material or substantial."*

Fil-fehma tal-Qorti dan gie muri f'dan il-kaz.

Hu interessanti l-kaz riportat fl-istess ktieb (pagna 284) dwar decizjoni li ttiehdet fid-dawl ta' biza' ta' vjolenza minn terzi:

*"Where a university, after consultation with the police, refused to permit a meeting on its premises addressed by members of the South African Embassy during the apartheid regime, it did so in the belief that the meeting would provoke public violence in the neighbouring area. The statute required universities to ensure that freedom of speech was secured and that the use of university premises was not denied to any individual body on the ground of their beliefs, policy or objectives. It was held that in taking into account the likelihood of violence outside of their premises the decision had been influenced*

*by an irrelevant consideration and was therefore ultra vires."*

Hu veru li kienet il-Kooperattiva li kienet hatja ta' agir illegali, u l-Kunsill kien biss vittma; pero` l-Kunsill ma ha ebda passi biex ihassar il-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens (passi li setghu ttiehdu biss minnha bhala l-kontraent milqut b'dan l-agir). Lanqas ma dehrilhom il-kunsillieri li kellhom jipposponu d-decizjoni u jitolbu protezzjoni aktar adegwata mill-Pulizija, izda baqghu ghaddejjin hekk kif kienu taht influwenza ta' cirkostanzi estraneji u pressjoni illegali.

Kwindi, l-appell tal-konvenut fir-rigward tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-25 ta' Marzu 2002, qed jigi michud.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni din il-Qorti sejra titratta l-ilmenti taz-zewg partijiet flimkien. L-ewwel Qorti, kif inghad, fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2006, illimitat id-danni ghall-ispejjez realment inkorsi fil-kors tan-negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati u mhux ghall-eventwali telf ta' qliegh. Il-Qorti hadet din il-linja fuq dak li ddecidiet din il-Qorti fil-kawza **Pullen v. Matysik** fis-26 ta' Novembru 1971, fil-kuntest ta' *pre-contractual liability*.

Din il-Qorti tara, pero`, li f'kaz ta' *abuse of administrative discretion*, kif inhu l-meritu ta' dan il-kaz, il-materja mhix wahda ta' *pre-contractual liability*, izda ta' abbuz ta' poter minn min ikollu funzjoni amministrattiva. Meta persuna tigi mcahhda minn kuntratt jew possediment iehor bi ksur tal-ligi minn korp jew ufficjal amministrattiv, dan ta' l-ahhar ikun responsabbli ta' delitt jew kwazi-delitt u jrid jirrispondi ghad-danni <u>kollha</u> reali li l-agir tieghu jkun ikkaguna. Ir-responsabbilita` pre-kuntrattwali topera meta tnejn min-nies jidhlu f'kuntratt dirett u f'negozjati ghal holqien ta' kuntratt, u wiehed minnhom iwaqqaf dawk il-kuntratti minghajr gustifikazzjoni. Is-sitwazzjoni hi differenti meta organu jew ufficjal munit b'poter amministrattiv u moghti diskrezzjoni fl-ezercizzju ta' dak il-poter, jagixxi b'mod abuziv bi "ksur" tal-poteri diskrezzjonali tieghu.

Biex ikun responsabbli ghad-danni wara ksur mhux gustifikat tat-trattativi, irid ikun hemm, skond id-duttrina Taljana, tlett elementi "affidamento di una delle parti sulla conclusione del contratto, recesso senza giusta causa dell'altro contraente, danno".  (Cass. 12 ta' Gunju, 1959).

Ghar-rigward ta' l-ewwel element, il-gurista **Fabio Fortinguerra** fil-ktieb "La Responsabilita` Precontrattuale" (CEDAM 2002 Ed. Pagna 116) jispjega:
*"Occorre precisare che se da un lato e` vero che ogni trattativa genera la aspettativa, o meglio la speranza di un futuro contratto, dall'altro, e` pur anche vero che, in tale ipotesi non e` ancora corretto parlare di affidamento vero e proprio, atteso che, laddove cosi` non fosse, sarebbe necessario sostenere l'improbabile esistenza di un dovere di non recedere mai senza giusta causa, ogni qual volta si dia inizio alle trattative.*

*Pertanto, allorquando si richiede l'esistenza di un affidamento meritevole di tutela, ci si riferisce non tanto alla vaga speranza che si pervenga alla conclusione di un affare ovvero alla certezza di raggiungere un determinato risultato, atteso che nelle trattative e` inevitabile che sussista la prima cosi` come non sussista la seconda, quanto piu` propriamente ad uno stadio delle trattative tale per cui appare pratticamente ragguinto l'accordo, salva la manifestazione formale del consenso e sempre che non sopravvengano elementi nuovi precedentemente non valutati che richiedono gustificato il recesso."*

Il-gurisprudenza Taljana hadet posizzjoni rigida fir-rigward u biex jista' jinghad li nholoq l-affidament versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, jehtieg li jkun hemm kwazi qbil fuq l-elementi kollha tal-kuntratt maghdud ma' cirkostanza ohra li jaghtu x'jifhem li l-kuntratt se jigi konkluz.

Din il-posizzjoni tidher illustrata minn decizjoni tat-Tribunale di Napoli tat-23 ta' Dicembru 1971, fejn jinghad:
*"In tema di compravendita` immobiliare in mancanza di un immissione nel possesso del futuro compratore e della corresponsione di una caparra (od anticipo del prezzo), o della predisposizione dei documenti necessari*

*all'alienazione e della redazione (sia pure in minuta) dell'atto di trasferimento, le trattative consistenti sulla sola predeterminazione del prezzo e dell'oggetto dell'eventuale compravendita` non fanno sorgere quell'affidamento nella conclusione del contratto che e` presupposto primario della culpa in contratendo "*

Fi kliem iehor, irid jirrizulta mhux biss l-istat avvanzat tat-trattativi, izda cirkostanzi ohra (bhal, frekwenza tal-kuntratti, manifestazzjoni ma' terzi tal-posizzjoni raggunta, applikazzjonijiet ma' awtoritajiet amministrattivi, preparazzjoni awtorizzata ta' dokumenti, jew twettiq ta' xoghol) li jindikaw l-gheluq tan-negozjati hlief ghal manifestazzjoni puntwalizzata tal-kunsens.

Fil-fatt, il-gurista Fortinguerra (*op cit*. p. 117), wara ezami tal-gurisprudenza Taljana in materja, jikkonkludi li biex ikun hemm dan l-affidament, hu mehtieg li,
*"Le trattative hanno raggiunto una ulteriore fase, talmente vicina alla conclusione dell'accordo da ritenere conforme a buona fede far ricadere sul soggetto recedente le spese sostenute ed il danno subito dell'altra."*

Hawnhekk, dawn ic-cirkostanzi ma ghandhomx applikazzjoni, ghax mhux il-kaz fejn l-awtorita` governattiva jew lokali dahlet f'kuntratt dirett ma' l-atturi ghall-ghoti ta' kuntratt, liema kuntatti gew imwaqqfa minghajr gustifikazzjoni (kif kien allegat fil-kawza **Giuffrida v. Borg Olivier noe**", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 1967), imma, kif inghad, kaz ta' abbuz ta' diskrezzjoni amministrattiva fl-ghoti ta' *tender*. Kwindi din il-Qorti taqbel ma' l-atturi fis-sottomissjoni taghhom li d-danni ghandhom ikopru anke telf ta' qliegh futur.

Id-danni, pero`, iridu dejjem ikunu reali u ppruvati u mhux morali. F'dan il-kaz, l-atturi jallegaw li minn tender ta' Lm46,000 kienu jaqilghu Lm13,000 fis-sena, u dan a bazi ta' kalkoli u estimi ta' l-*accountant* taghhom, Joseph Sammut. Min-naha tal-Kunsill konvenut, tqabbad accountant, Mark Scalpello, biex jezamina l-*costings* ta' l-atturi, u sab li jekk l-atturi jahdmu t-*tender* bil-prezzijiet kwotati, kienu fil-fatt jaghmlu telf ta' Lm843 fis-sena.

Hawn ghandna sitwazzjoni fejn zewg esperti *ex-parte* waslu ghal konkluzjonijiet opposti.

Il-Qorti ezaminat il-*workings* taz-zewg *accountants*, kif ukoll il-kummenti tal-partijiet fin-Noti ta' l-Osservazzjonijiet li ressqu quddiem l-ewwel Qorti, u ssib li, fil-verita`, it-tnejn esageraw billi gibdu wisq lejn l-interessi tal-klienti rispettivi taghhom. Hekk, per ezempju, issib li l-attur kien wisq konservattiv fl-istima ta' l-ispiza ghal *fuel*, waqt li l-Kunsill konvenut esagera f'din l-*item* fir-rigward ta' *scamels* intenzjonati li jkunu biss "*on stand-by*". Hemm ukoll *items* ta' spejjez li thallew barra mill-atturi u diskrepanzi kbar fil-figuri allokati ghad-deprezzament tal-vetturi. Il-problema hi li *f'accounting sytems* hemm element qawwi soggettiv, u ghalhekk din il-Qorti tara li, allura, hi wkoll trid tinvolvi l-element soggettiv taghha fir-rigward. Filwaqt li tara li qliegh ta' Lm13,000 hu esagerat ghal dan it-*tender* partikolari, tara wkoll li hadd ma hu se jidhol f'bicca xoghol biex jitlef il-flus! Mehud in konsiderazzjoni d-diversi fatturi - inkluz l-element tar-riskju li anke kieku l-affarijiet imxew sew, mhux bilfors li t-*tender* kienet tinghata lill-attur - din il-Qorti tikkalkula li telf ta' qliegh ta' Lm3,500 (jew €8,152.81) fis-sena tkun stima gusta. Mifrux fuq tlett snin tal-perjodu kopert mit-*tender*, dan igib telf ta' Lm10,500 (jew €24,458.42). Din is-somma ghandha tizdied mas-somma ta' Lm1,000 (jew €2,329.37) li llikwidat l-ewwel Qorti bhala *damnum emergens*. B'hekk, il-kumpens globali ghandu jkun ta' €26,788 ghad-dritt.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti, kemm dak principali ta' l-atturi u dak incidentali tal-Kunsill konvenut, billi, fl-ewwel lok, tichad fl-intier tieghu l-appell incidentali tal-Kunsill Lokali Zebbug, u fit-tieni lok, billi tilqa' *in parte* l-appell principali ta' l-atturi, billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-25 ta' Marzu 2002, tirriforma s-sentenza ta' l-istess Qorti tal-31 ta' Mejju 2006, fis-sens li tillikwida d-danni komplessivi li l-kunsill konvenut ghandu jhallas lill-atturi fis-somma ta' €26,788 (sitta u ghoxrin elf seba' mija u tmienja u tmenin elf Ewro), u tikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas din is-somma lill-atturi, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

Rigward l-ispejjez, dawk decizi mill-ewwel Qorti fid-diversi sentenzi taghha jibqghu kif determinati minnha, dawk relatati ma' l-appell incidentali tal-Kunsill konvenut jithallsu kollha minnu, filwaqt li dawk marbuta ma' l-appell principali ta' l-atturi jithallsu kwantu ghal terz (⅓) mill-atturi u zewg terzi (⅔) mill-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------